MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 167/2005

**Dennis Carabott [ID 192176M], John [ID 132251M] u Josephine
[ID 717154M] konjugi Carabott, William Carabott [ID 77282M] u
Jack Farrugia [ID 58174M]**

**vs**

**Karen Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-30 ta' Marzu, 2005 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuta illi prevja d-dikjarazzjoni li l-atturi huma ntitolati li jithallsu minghand il-konvenuta l-valur li bih gie arrikkit il-fond li kien destinat biex ikun id-dar matrimonjali ta' l-attur Dennis Carabott u l-konvenuta, b'rizultat tal-hidma li twettqet mill-atturi, u l-likwidazzjoni tal-valur ta' l-arrikkiment hekk maghmul, thallas lill-atturi l-valur li jigi likwidat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Settembru, 2004 u bl-imghax legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Gie dikjarat ghall-finijiet ta’ kompetenza li l-valur meritu tal-kawza ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Karen Busuttil fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi x-xoghol illi sar fil-fond in kwistjoni sar fl-intier tieghu minn missier il-konvenuta u cioe’ Paul Busuttil, u dan kif ser jirrizulta aktar car waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt mhuwiex ikkontestat illi xi whud mill-atturi wettqu xi xogholijiet fil-fond tal-konvenuta, din ta’ l-ahhar qeda tghid illi x-xogholijiet imwettqa ma kienux jammontaw ghall-valur illi huma qeghdin jippretendu hlas tieghu. Dan il-valur huwa bazat fuq stima li ghamel il-perit Edric Micallef a fol. 13 fl-ammont ta’ tlett elef, mija u tmien liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,108.57).

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li missier il-konvenuta Paul Busuttil kien proprjetarju ta’ plot jew ghalqa, f’Tal-Papa Road, Tal-Papa, Birzebbuga. Peress illi t-tifla tieghu, il-konvenuta, kienet gharusa bi skop ta’ zwieg lill-attur Dennis Carabott, missierha ghaddielha din il-plot u beda x-xoghol ghall-kostruzzjoni ta’ fond matrimonjali. Il-kontroversja qeda dwar min effettivament wettaq ix-xogholijiet fuq dan il-

fond. Mill-verzjonijiet moghtija jidher illi hemm esagerazzjonijiet miz-zewg partijiet.

Dennis Carabott, l-gharus, jghid illi fuq il-plot kien hemm xi fondi u dawn waqqawhom, ghamlu l-pedamenti biex tela’ l-post il-gdid. Il-post tlesta minn kollox minn bennej professjonali, izda peress illi huwa nefaq hafna flus ghal xiri ta’ materjal, il-konvenuta fl-ahhar hallsitu s-somma ta’ erbatax-il elf lira Maltin (Lm14,000) bhala valur ghal dawn l-ispejjez. [Ara dok. FE1].

L-attur l-ohra kollha jikkorroboraw din il-verzjoni u ma tantx jaghtu kreditu ghax-xoghol maghmul minn missier il-konvenuta. Skond il-verzjonijiet taghhom ix-xoghol tista’ tghid illi sar kollu minnhom u bennejja ohra professjonali.

Ganni Carabott, missier Dennis, pero’ jaghmel referenza ghal xi xoghol illi wettaq Paul Busuttil, missier il-konvenuta, meta a fol. 16 jghid, “Fil-bidu missier il-konvenuta kien jaghti daqqa t’id. Kien anke gabilna l-gebel u meta konna fl-istadju tal-pedamenti kien jghinna wkoll… Missier il-konvenuta kien involut fit-thammil tal-plot peress illi l-art kienet tieghu.”

Paul Busuttil jirrikonoxxi illi sar xi xogholijiet minn missier il-konvenuta, fejn a fol. 46 jghid, illi wara illi waqqa’ l-kmamar illi kien hemm fil-plot bil-gaffa tieghu u hammell l-ghalqa u rema’ t-trab fil-barriera. Irrikonoxxa illi missier l-attur ghamel xi xoghol fuq il-pedamenti fejn bicciet saru minnu u ohrajn minn bennej professjonali. Pero’ dak li huwa plumbing, eletriku u madum, gabu nies minn barra.

L-attur Dennis Carabott ukoll medd idejh, hadem fuq il-bir u kien generalment utli. Mhux l-istess ghal zijuh Jack Farrugia, illi dan kien jigi fuq il-post imma ma kien jaghmel xejn.

Il-konvenuta minn naha l-ohra ma tantx ghandha kliem sabih ghall-ex gharus taghha Dennis, meta tghid illi dana ma kien kapaci ghal xejn u l-anqas ma kien jaf iwahhal plakka. Ghad-dokument redatt mill-perit Edric Micallef, a

fol. 13, tghid illi veru sar dak ix-xoghol imma mhux kollu mill-attur u hafna minnhom thallsu.

Il-Qorti ghandha wkoll l-iskrittura li saret bejn il-partijiet meta l-konvenuta hallset lil Dennis Carabott is-somma ta' erbatax-il elf, mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm14,244). Dawn kienu flus mahruga minnu ghall-finijiet tal-kostruzzjoni tad-dar. Skond l-istess ftehim, " … bla pregudizzju ghal xi drittijiet ohra talvolta lilu spettanti skond il-ligi." Barra minn hekk il-konvenuta wkoll esebit l-ircevuti kollha li kellha minfejn jidhru illi l-erbatax-il elf, mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm14,244) fuq imsemmija jinkludu wkoll xi xogholijiet ta' l-ilma fil-kamra tal-banju u fuq il madum. A fol. 38 hemm ukoll ircevuta ghall-hlas akkont lil terzi fuq xoghol ta' l-eltriku.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi t-talba f'din il-kawza hija ghall-kumpens ghall-arrikkament tal-fond b'rizultat tal-hidma ta' l-atturi. Biex il-Qorti tasal ghal din ic-cifra trid bilfors ikollha l-valur tal-fond u kemm dan gie arrekkit biex xoghol maghmul mill-atturi, izda m'ghandhiex dawn il-valuri.

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda, rrizulta pero' li l-atturi mhumiex qeghdin jitolbu ghal differenza fl-arrikamment izda kumpens ghal xoghol mano d'opera maghmul fuq il-fond tal-konvenuta.

Minkejja din id-differenza bejn it-talba u r-risultanzi processwali, l-Qorti jidhrilha illi ma ssibx diffikulta illi takkorda lill-atturi ammont dovut lilhom bhala kumpens ghal xogholijiet maghmula. Peress illi din il-procedura qeda quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn allura hija procedura sommarja, l-Qorti tista tvarja l-kawzali minghajr ma tmur oltre' t-talba maghmula. It-talba hija wahda da likwidarsi, dejjem fil-kompetenza ta' din il-Qorti u ghalhekk jidhrilha illi tista' tilqa' t-talba ta' l-atturi, pero' fuq bazi ta' kumpens ghal xoghol maghmul u mhux fuq arrikkament tal-fond b'rizultat tal-hidma ta' l-atturi.

Ikkunsidrat:

Kif gia nghad, il-Qorti ssib illi hemm esagerazzjonijiet fix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet u jkun gust illi ssib it-triq tan-nofs. L-istess jinghad ghall-istima tal-perit Edric Micallef, liema stima hija esklussivament maghmula fuq dak illi qalu l-atturi. Peress illi x-xoghol kien lest, u l-perit ma kienx f'posizzjoni jivverifika dak illi effettivament sar. Hawn ukoll il-Qorti ssib li din l-istima tinvolvi partiti illi kienu gia mhallsa jew maghmula minn haddiehor. Peress illi l-Qorti mhijiex f'posizzjoni tikkwantifika ezatt dak illi wettqu l-atturi, allura trid tasal ghall-konkluzjoni li s-somma finali trid tkun *arbitrio bono viri*. Ma hemmx dubju li l-atturi, specjalment Dennis Carabott u missieru Ganni wettqu xi xogholijiet fil-fond meta dan kien gahdu fl-istat bikri u dawn jimmeritaw li jkunu kompensati. Skond dan il-ftehim, Dok, FE1, dan ix-xoghol mhuwiex inkluz. Pero' ghal dik illi hija hidma maghmul minn hu Dennis, William Carabott u zijuh Jack Farrugia, l-Qorti ma jidhrilhiex illi dawn huma ntitolati ghal xi kumpens, peress illi ma rrizultax mill-provi illi dawn wettqu xi xogholijiet ta' certa entita' li jimmeritaw kunpens kif jimmeritaw Dennis Carabott u missieru Ganni.

Ghalhekk, il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut lill-imsemmija Dennis Carabott u lil Ganni Carabott *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi Dennis Carabott u John Carabott u tikkundanna lill-konvenuta Karen Busuttil illi thallashom is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) kunpens ghal xogholijiet maghmula fil-fond Southwinds, Tal-Papa Road, Tal-Papa, Birzebbuga proprjeta' ta' l-istess konvenuta Karen Busuttil.

Bl-ispejjez, kwantu ghall-tliet kwarti ghall-konvenuta Karen Busuttil u kwart ghall-atturi, u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------